## Il-vaċċini jgħallmu lis-sistema immunitarja tiegħek biex tiżviluppa antikorpi li se jipproteġuk minn marda li tagħmel il-ħsara.

Huwa ħafna aktar sikur għas-sistema immunitarja tiegħek li titgħallem kif toħloq l-antikorpi permezz tat-tilqim milli li tieħu l-mard attwali li jista' jwassal għal kumplikazzjonijiet serji!

## Ipproteġi lilek innifsek u lill-oħrajn billi titlaqqam!

Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar **fil-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim**

vaccination-info.europa.eu/en

## Il-vaċċini jipproteġuk.



**Iżda dawn kif jaħdmu?**

PORTAL EWROPEW TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea



## Antiġeni & antikorpi

Il-biċċa l-kbira tal-vaċċini fihom forma jew komponent imdgħajjef jew inattivat ta' virus jew batterju. Dan jissejjaħ antiġen. Meta titlaqqam, is-sistema immunitarja tiegħek tagħraf l-antiġen bħala barrani u tibda tagħmel ċelloli u antikorpi li jiġġieldu kontra l-virus jew il-batterju.

## Ġismek joħloq memorja permezz tal-vaċċini biex jiġġieled kontra l-virus jew il-batterju.

Meta darb’oħra tiġi f’kuntatt ma’ dak il-virus jew il-batterju, is-sistema immunitarja tiegħek tagħrfu, u malajr tipproduċi l-antikorpi t-tajbin biex toqtlu – u b’hekk tnaqqas ir-riskju li inti timrad serjament.



## U dawk il-persuni li ma jitlaqqmux?

Dawn għandhom riskju akbar li jiżviluppaw mard serju, u għandhom probabbilta ogħla li jxerrdu l-mard lill-oħrajn.